MALTA

# BORD DWAR IL-KONTROLL TA' KIRI TA' RABA

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH CASSAR**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2006

Rikors Numru. 21/2000/1

Rikors Nru: 21/00

Moses, Joe, Roger, Mary Axisa u Margaret Grech ilkoll ahwa Callus

vs

Saviour, Mario u Giljan ahwa Camilleri

Il-Bord,

Ra r-rikos ipprezentat mir-rikorrenti fid-29 ta’ Settembru, 2000 fejn esponew:

Illi huma jikru lill-intimati l-ghalqa maghrufa bhala tal-Lewz li tinsab fil-kontrada tal-Gwarena, Qrendi tal-kejl superficjali ta’ cirka tomna bil-qbiela ta’ erba’ Liri Maltin (Lm4), skadenti fil-15 ta’ Awissu ta’ kull sena.

Illi huma jehtiegu dan ir-raba' biex jigi uzat ghall-skopijiet agrikoli minnhom personalment jew minn xi membru tal-familja taghhom personalment.

Ghaldaqtant ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett illi ghar-raguni premessa dan il-Bord joghgbu jawtorizzahhom jirriprendu l-pussess tal-ghalqa fuq imsemmija fl-iskadenza tal-kera li jmiss, prevja l-likwidazzjoni ta' kull kumpens dovut lill-intimati skond il-ligi.

Ra r-risposta ta' l-intimati pprezentata fis-17 ta' Ottubru, 2000 fejn eccepew:

1. Illi preliminarjament, mhux minnu li r-rikorrenti jinhtiegu l-ghalqa mertu tar-rikors promotur ghar-ragunijiet hemm indikata.

2. Illi sekondarjament din l-ghalqa hija sors importanti ghal ghixien tal-familja ta' l-intimati.

3. Fit-tielet lok ir-rikorrenti ghandhom jissodisfaw il-volti kollha rikjesti mill-Ligi.

Semgha x-xhieda bil-gurament.
Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra l-verbal tal-24 ta' Ottubru, 2005.

Ikkunsidra:

1. Il-kawzali f'dan ir-rikors hija wahda ta' htiega tar-raba biex jintuza ghall-ghanijiet agrikoli. F'rikorsi bhal dan irid l-ewwelnett jigi ppruvat il-bzonn.
2. Il-kelma 'requires' fil-kuntest li hija uzata fl-artikolu 4 (2) (a) insibuha wkoll uzata fil-ligi tal-kera, u fil-fehma tal-Bord ghandu jkollha l-istess signifikat u interpretazzjoni li gie moghti lil dik il-kelma f'dik il-ligi. Infatti huwa car li l-kelma 'requires' bhal 'mehtieg' fit-text Malti, tindika 'bzonn' u mhux semplici 'xewqa' jew preferenza. Ghalhekk hu applikabbli dak li qalet il-Qorti ta' l-Appell f' "A Saliba vs M Caruana" (deciza fit-28 ta' Mejju, 1966) illi 'Il-piz tal-provi ta' dan il-bzonn hu fuq is-sid li jehtieg li juri mhux biss li hu

qed jagixxi in buona fede, imma anke li ghandu bzonn li jirriprendi pussess tal-fond. Certament mhux mehtieg li tigi pruvata necessita' assoluta, izda jehtieg jigi pruvat grad ragonevoli ta' bzonn .......” (‘Portelli et vs Saliba’ deciza mill-Bord fl-14 ta' Lulju 1998 u konfermata fl-Appell fit-13 ta' Jannar, 1999).

3. L-ghalqa li qed tintalab lura hija ta' nofs tomna, proprjeta' tar-rikorrenti li wirtuha minghand ommhom Eleonora Sammut, illum mejta. Ir-rikorrenti jriduha biex jahdmuha huma.

4. Minghajr ma nghataw dettalji ta' xejn il-Bord ma jafx x'inhu l-bzonn tar-rikorrenti. Billi wiehed mir-rikorrenti tela' jixhed u jghid li huwa jrid ir-raba' biex jahdimha ma jwassalx li huma qed jippruvaw li ghandhom bzonn ir-raba. Ir-rikorrenti tellghu jixhed rapprezentant tad-Dipartiment ta' l-Agrikoltura li stqarr li l-intimati la huma registrati bhala bdiewa u lanqas ghandhom raba fuqhom. Ix-xhud isemmi certu Joseph Camilleri. Aktarx dan hu missier l-intimati li llum hu mejjet u ghalhekk ma tnizzilx ma' l-intimati.

Il-bzonn ma giex pruvat u ghalhekk il-Bord ma ghandux ghalfejn jidhol fi kwistjonijiet ohra. It-talba qed tigi michuda bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------